| | |
|---|---|
| Storbju | Minħabba n-natura tal-proposta, it-topografija tas-sit u d-distanza għall-eqreb żvilupp residenzjali, il-ħsejjes mill-iżvilupp mhumiex mistennija li jkunu sinifikanti. Il-vetturi kollha għandhom jinżammu fi stat tajjeb ta' tiswija, mgħammra b'tagħmir ta' soppressjoni akustika xieraq u b'manutenzjoni regolari biex jitnaqqsu l-emissjonijiet tal-ħsejjes, f'konformità mar-Regolamenti dwar l-Immaniġġar Ambjentali tas-Siti tal Kostruzzjoni, 2007 (L.S. 552.09). L-ebda impatt sinifikanti mhuwa mistenni waqt l-operat. |
| *Noise* | *Given the nature of the proposal, the topography of the site and the distance to the nearest residential development, noise from the development is not expected to be significant. All vehicles will be kept in good state of repair, fitted with appropriate acoustic suppression equipment and serviced regularly to minimise noise emissions, in conformity to the Environmental Management Construction Site Regulations, 2007 (S.L. 552.09). No significant impacts are expected during the operational phase.* |

Minkejja dak li jissemma hawn fuq, l-Awtorità għall-Ambjent u r-Riżorsi żżomm id-dritt li titlob lill-applikant li jissottometti informazzjoni oħra kif jista' jkun meħtieg biex tinforma l-proċess tad-deċiżjoni.

It-30 ta' Ġunju, 2017

**Nru. 693**

**AWTORITÀ GĦALL-AMBJENT U R-RIŻORSI (ERA)**

**Notifika dwar l-Eżenzjoni minn Dikjarazzjoni dwar l-Ippjanar Ambjentali**

BI QBIL mar-Regolament 3(8) tar-Regolamenti tal-2007 dwar l-Istima tal-Impatt fuq l-Ambjent (L.S. 549.46) fir-rigward tal-applikazzjoni msemmija hawn taħt, l-Awtorità għall-Ambjent u r-Riżorsi jidhrilha li l-proposta mhux probabbli li tirriżulta f'impatti ambjentali li jistgħu jiġu indirizzati b'mod effettiv fl-Istudju dwar l-Impatt Ambjentali. Għalhekk, id-Direttur tal-Ambjent u r-Riżorsi jaqbel li l-proposta ma teħtiġx Dikjarazzjoni dwar l-Ippjanar Ambjentali (EPS). Dan huwa mingħajr preġudizzju għall-obbligi ambjentali li huma speċifikati fil-kundizzjonijiet tal-proġett propost.

Id-Deskrizzjoni tal-Proġett (PDS) li ġiet ippreżentata bħala parti mill-applikazzjoni kkunsidrat b'mod suffiċjenti l-kwistjonijiet li jolqtu l-ambjent u għaldaqstant it-tħejjija ta' Dikjarazzjoni dwar l-Ippjanar Ambjentali mhux se żżid informazzjoni ġdida peress li l-Awtorità għall-Ambjent u r-Riżorsi għandha l-informazzjoni kollha meħtieġa sabiex tiddeċiedi dwar din l-applikazzjoni, kif ġie konkluż fl-*iscreening* tal-proġett skont l-Iskeda IB tal-istess Regolamenti.

Ġustifikazzjoni dettaljata tinstab hawn taħt:

| | |
|---|---|
| Numru ta' Riferenza: | PA 02766/16 (EA 00001/17) |
| Post: | Sit fi Triq It-Tamar, San Pawl il-Baħar, Malta |

Proposta: Bini ta' Lukanda ta' 4 Stilel ta' 257 kamra, inklużi 2 livelli ta' parkeġġ taħt l-art, semisotteran u terran b'faċilitajiet anċillari u kmamar tal-konferenzi, sovrastanti 8 sulari u ta' kmamar ta' lukanda f'livell ta' *penthouse* u b'pixxini fuq il-bejt. Proposta tinkludi sinjali.

Notwithstanding the above, the Environment and Resources Authority reserves the right to request the applicant to submit additional information as may be necessary to inform the decision making process.

30th June, 2017

**No. 693**

**ENVIRONMENT AND RESOURCES AUTHORITY**

**Notification of Exemption from Environmental Planning Statement**

IN conformity with Regulation 3(8) of the Environmental Impact Assessment Regulations, 2007 (S.L. 549.46) with respect to the application mentioned hereunder, the Environment and Resources Authority has determined that the proposal is unlikely to result in environmental impacts that can be effectively addressed in an Environmental Impact Assessment. Therefore, the Director of Environment and Resourses agrees that the proposal does not require the preparation of an Environmental Planning Statement (EPS). This is without prejudice to the environmental obligations being specified in the proposed project conditions.

The Project Description Statement (PDS) presented as part of the application has considered the environmental issues in a sufficient manner such that the preparation of an EPS would not add any new information and the Environment and Resources Authority has all the necessary information to determine the application, as concluded in the project screening according to Schedule IB of the same Regulations.

A detailed justification is presented below:

| | |
|---|---|
| Reference Number: | PA 02766/16 (EA 00001/17) |
| Location: | Site at, Triq It-Tamar, San Pawl il-Baħar, Malta |

Proposal: Construction of a 257 rooms, 4 Star Hotel, including 2 levels of underground parking, semi-basement and ground floor ancillary facilities and conference rooms, overlying 8 floors and a penthouse level hotel rooms and roof top pools. Proposal includes signage.

Dawn l-effetti potenzjali fuq l-ambjent, flimkien ma' numru ta' miżuri biex jittaffa l-impatt, ġew identifikati fid-Deskrizzjoni tal-Proġett (PDS). Il-PDS flimkien mal-ġustifikazzjoni għall-eżenzjoni mill-Istudju dwar l-Impatt Ambjentali ġew sottomessi lill-Awtorità għall-Ambjent u r-Riżorsi fit-2 ta' Mejju, 2017, u l-5 ta' Ġunju, 2017, rispettivament.

The following potential environmental impacts were identified and mitigation measures proposed in the Project Description Statement (PDS). The PDS and the justification for exemption from carrying out an Environmental Impact Assessment (EIA) were submitted to the Environment and Resources Authority on the 2nd May, 2017, and 5th June, 2017, respectively.

| **Impatti potenzjali**<br>***Potential Impact*** | **Rimarki fuq miżura biex jittaffa l-impatt, eċċ.**<br>***Remarks on mitigation measures, etc.*** |
|---|---|
| Ilma mormi mir-*reverse osmosis* fl-ambjent marin | L-użu ta' ilma salmastru bħala sors tal-ilma li se jkun mormi fl-ambjent marin f'Żona Speċjali ta' Konservazzjoni, minħabba l-preżenza ta' mergħat ta' *Posidonia oceanica* (Żona fil-Baħar fil-Grigal ta' Malta) mhix mistennija li jkunu sinifikanti fuq l-ambjent marin minħabba l-kompożizzjoni tal-ilma mormi. Il-miżuri ta'mitigazzjoni, kif proposti fil-PDS, se jkomplu jnaqqsu kwalunkwe effett potenzjali fuq il-bijodiversità taż-żona. |
| *Reverse osmosis discharge in the marine environment* | *The reverse osmosis plant on site will discharge in the marine environment in a Special Area of Conservation, due to the presence of Posidonia oceanica meadows (Żona fil-Baħar fil-Grigal ta' Malta). However the said discharge is not expected to exert any significant environmental impacts to the marine environment given the composition of the discharged water and the use of brackish water as source water. The mitigation measures, as proposed in the PDS, will further reduce any potential impact on the biodiversity of the area.* |
| Kwalità tal-arja, storbju u vibrazzjonijiet | L-ammont ta' emissjonijiet fl-arja, ħsejjes u vibrazzjonijiet, iġġenerati waqt it-tindif tas-sit, skavar u bini tal-proġett mhumiex mistennija li jkunu sinifikanti minħabba n-natura temporanja tagħhom. Prattiċi tajba ta' kostruzzjoni skont ir-Regolamenti dwar l-Immaniġġar Ambjentali tas-Siti tal-Kostruzzjoni, 2007 (L.S. 552.09) se jiġu implimentati biex itaffu kwalunkwe impatt probabbli. Matul l-operat, il-miżuri ta' mitigazzjoni proposti fil-PDS, bħall-immuntar ta' fannijiet fuq attenwaturi tal-ħoss, huma mmirati biex ikomplu jnaqqsu kwalunkwe effett probabbli sinifikanti fuq l-ambjent. |
| *Air quality, noise and vibrations* | *The amount of air emissions, noise and vibrations, generated during site clearance, excavation and construction of the project are not expected to be significant given their temporary nature. Good construction practices in accordance with the Environmental Management Construction Site Regulations, 2007 (S.L. 552.09) will be implemented to mitigate any likely impacts. During operations, mitigation measures proposed in the PDS, such as the mounting of fans on sound attenuators, are aimed at further reducing any likely significant effects on the environment.* |
| Immaniġġjar tal-iskart | L-ebda impatti sinifikanti mhuma previsti meta wieħed iqis li kwalunkwe impatti possibbli matul il-kostruzzjoni jistgħu jiġu mtaffija biżżejjed permezz tad-dispożizzjonijiet stabbiliti fir-Regolamenti dwar l-Immaniġġar Ambjentali tas-Siti tal-Kostruzzjoni , 2007 (L.S. 552.09). Matul l-operat, il-miżuri ta'mitigazzjoni proposti fil-PDS, bħar-riċiklaġġ fuq il-post ta' ilma tal-ħasil minn sinkijiet tal-idejn, banjijiet u *showers* għall-ifflaxjar tat-*toilets* u għat-tisqija huma mmirati biex inaqqsu aktar kwalunkwe effett probabbli sinifikanti fuq l-ambjent u jkunu skont ir-Regolamenti dwar l-Iskart (L.S. 549.63) u r-Regolamenti dwar l-Immaniġġar tal-Iskart (Reġistrazzjoni tal-Attivitajiet) (L.S. 549.45). |
| *Waste management* | *No significant impacts are envisaged when considering that any possible impacts during construction may be sufficiently mitigated through the provisions laid down in the Environmental Management Construction Site Regulations, 2007 (S.L. 552.09). During operations, mitigation measures proposed in the PDS, such as the recycling on site of wash water from hand basins, baths and showers for toilet flushing and irrigation are aimed at further reducing any likely significant effects on the environment and will be in accordance with the Waste Regulations (S.L. 549.63) and the Waste Management (Activity Registration) Regulations (S.L. 549.45).* |

Minkejja dak li jissemma hawn fuq, l-Awtorità għall-Ambjent u r-Riżorsi żżomm id-dritt li titlob lill-applikant li jissottometti informazzjoni oħra kif jista' jkun meħtieg biex tinforma l-proċess tad-deċiżjoni.

It-30 ta' Ġunju, 2017

Notwithstanding the above, the Environment and Resources Authority reserves the right to request the applicant to submit additional information as may be necessary to inform the decision making process.

30th June, 2017